**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 312/97

Anthony Micallef
vs
Water Services Corporation
u Health Department

Illum 15 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax ix-xoghol li kien suppost jaghmel m'ghaddewhx bord mediku meta hu kien marid serjament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Hu dahal jahdem mad-Dejma bhala plumber f'Novembru 1985, mal-bidla fil-gvern kien gie trasferit ghal ma' l-Awziljari. Fl-1990 kien imgieghel jahdem

bil-jackhammer meta ma kienx kopert jekk iwegga' u ma accetax u b'hekk kellu jidher quddiem bord tad-dixxiplina, meta haddiema ohra irrangaw. Dan wasal biex kellu jitlaq mil-post tax-xoghol tieghu.

Kien beda jahdem fil-gebel u kien wegga', meta deher quddiem il-bord tal-mard, lilu sabuh tajjeb ghax-xoghol meta kien ghadu marid, dan kien fis-sena 1993, u kellu ta' bilfors ikompli jahdem u kompla ikisser sahhtu, u illum gie mghadud bhala disabled u ma jistax jaghmel certu xoghol. Ghamel sentejn ma jahdimx.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

li l-pretensjonijiet ta' Anthony Micallef huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma tezisti l-ebda rekord dipartimentali illi Anthony Micallef qatt kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha.

Illi Anthony Micallef ma jirrizultax li qatt kien mar quddiem bord mediku mwaqqaf mill-Gvern sabiex jigi ddikjarat mhux tajjeb ghax-xoghol.

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-intimat talab lil dan t-Tribunal jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ntimata li eccepiet:

(1) Illi l-Korporazzjoni intimata m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-agir tad-Dipartiment tas-Sahha;

(2) Illi, kif jirrizulta mir-rikors promotorju, ir-rikorrent ma kienx impjegat mal-Korporazzjoni intimata jew ma' l-awtur taghha d-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma u ghalhekk l-istess Korporazzjoni ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni intimata m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-decizjoni tal-Bord Mediku.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li f'Novembru 1985 baghat ghalih bhal nies ohra li kienu jirregistraw biex jidhol jahdem bhala plumber mal-korp li gie ikkostitwit dak iz-zmien. Accetta u sar membru tad-Dejma fejn kien jaghmel xoghol ta' plumber.

Wara l-elezzjoni tal-1987 gie trasferit St. Andrews u kien jaghmel xoghol ta' plumber fid-djar tal-Gvern f'dik iz-zona. Spicca B'Kara fejn kien hemm hafna xoghol bil-jackhammer. Fis-7 ta' Jannar tas-sena 1991 irrifjuta li jaghmel xoghol bil-jackhammer u l-foreman Emmanuel Borg qallu li jista' jitlaq. Ta' fuqu l-Ingineer St. John qallu li ma jistax jobbligh jahdem bil-jackhammer, pero' jekk hu mhux dispost jahdem hekk ma jistax joqghod Birkirkara. Ghalhekk talab transfer. Ghal xi zmien wara dan l-incident baqa' jahdem bhala plumber, baqqunier bil-fis, u biz-zappun ecc pero' ma jahdimx bil-jackhammer. Fit-3 ta' Mejju 1991 gie mitlub jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fil-Kwartieri Generali ta' l-Iskema Awziljarji u Tahrig Hal Far fejn informahom illi peress li hu plumber u mhux imdorri jahdem bil-jackhammer jibza' li kien ikorri. Peress li ma kienx hemm kompromessi gie mgieghel jitlaq mix-xoghol u jiehu l-iskema tal-Lm500 biex jarma ghar- rasu.

Qabdu l-ugigh u fl-ahhar mar jahdem ma' Stivala Wholesalers Co. Ltd u spicca lanqas jista' jiccaqlaq. Peress li l-ugiegh zied, kellu jitlaq minn dan ix-xoghol.

Fil-kontro-ezami xehed li qatt ma kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha. Semma li kien impjegat mal-Gvern mat-Taqsima tad-Dejma u mhux mal-Water Works pero' fuq xoghol tal-Water Works. Semma li hu kien dahal mad-dejma fuq xoghol tal-Water Works imbaghad kienu qalbu ghall-Auxiliary Workers. Bhala Dipartiment kien jahdem ma' l-Awziljari u mhux mal-Water Works.

Gie prezentat affidavit tas-sur Saviour Lautier - Direttur Rizorsi Umani fid-Diparitment tas-Sahha, li xehed li minn ricerka illi ghamel ma jezistux rekords li juru li Anthony Micallef deher quddiem xi bord mediku mwaqqaf mid-Dipartiment tas-Sahha.

Emanuel Borg Principal Foreman tal-Water and Services Corporation xehed li bejn l-1987 u l-1991 kien District 2 fil-grad ta' foreman Birkirkara. Ir-rikorrent ghamel xi zmien jahdem mieghu. Ix-xoghol tar-rikorrent kien ta' baqqunier u jaf li huwa kien gie minn ma' l-awziljari. Huwa kien jahdem b'ghodda li huma baqqun u jackhammer. Kien jaghmel xoghol ta' thaffir. L-izjed sieghat ta' xoghol li kienu jinvolvu f'gurnata kien ta' tlett sieghat. Baqqunier jaghmel xoghol ta' tahfir u l-fitter jaghmel xoghol ta' kanen bhal xoghol ta' plumbing. Dawn it-tnejn flimkien kienu jghinu lil xulxin.

Semma li x-xoghol li kienu jaghmlu nies li jahdmu maghhom kienu jaghmlu xoghol bi thaffir tal-jack hammer. In-nies li marru maghhom kollha jahdmu bil-jackhammer u hadd minnhom ma jirrifjuta li jahdem bil-jackhammer. Zied li lanqas kien jaf li r-rikorrent kellu problemi fizici. Lilu qatt ma qallu u qatt ma pproducielu xi dokument dwar dan.

Maurice Mizzi Personnel Officer tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma xehed li mir-ricerka li ghamel dab li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma izda kien jaghmel parti mill-awziljari. Lanqas kien impjegat tal-Water Works dak iz-zmien. Jidher li huwa kien attached mal-Water Works bhala xoghol, pero' mhux li kien impjegat tal-Water Works. Ir-rikorrent kien jaghmel ma' l-AWTS bhala dixxiplina kif ukoll jithallas kollox mill-AWTS. Kien jaghmel xoghol li kien ikun imqabbad mill-foreman tal-Water Works.

Paul Scicluna xehed li Anthony Micallef gie impjegat fid-Dejma fl-4 ta' Novembru 1985 u gie ssekondat u ppustjat mad-Dipartiment ta' l-Ilma. Fin-1985 ir-rikorrent kien impjegat mad-Dejma izda dak iz-zmien kienu qed jigu sekondati u ppustjati ma' diversi dipartimenti u ghalhekk kienu qed jithallsu mid-Dipartiment fejn kienu qed jaghmlu x-xoghol koncernat. Ghalkemm kienu mad-Dejma kienu meqjusin qishom pajzana. Fil-fatt la kellhom uniformijiet ma kellhom xejn.

Stephen Galea St. John Manager Distributions fil-Corporation xehed li jiftakar lir-rikorrent minn wiccu u li kien hemm xi grupp ta' labourers li ma riedux jahdmu bil-jack hammer. Min ma kellux il-grad ta' baqqunier ma setax jigi mgieghel ihaffer. Min kien labourer kien ihaffer buona volonta' tieghu.

Joseph Magri ufficjal inkarigat mill-pagi fil-Forzi Armati ta' Malta Xehed li dwar ir-rikorrent, huwa gie ngaggat fil-Forzi Armati fl-4 ta' Novembru tan-1985, u dam mal-Forzi Armati sal-31 ta' Jannar 1986. Fl-1 ta' Frar ir-rikorrent kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Public Works. Meta kien fil-Forzi Armati huwa kien mad-Dejma. Il-Gvern kien qalibhom minn mad-Dejma saru awziljari, minn mal-Awziljarji saru Group A. Bejn in-1987 u 1995 ir-rikorrent ma kienx jaqa' taht l-Armata. Huwa dokumentat mir-records li fil-fatt ir-rikorrent spicca fl-4 ta' Marzu fin-1989, u minn dakinhar gie klassifikat, bhala Scheme C u huwa waqa' taht Scheme C, u din kienet propja skema fejn il-persuna tinghata somma u titwaqqaf mill-Gvern.

**KONKLUZJONIJIET**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien fil-Forzi Armati fid-Dejma u kien sekondat mal-Public Works. Wara l-Gvern kien qalibhom mid-Dejma ghal Awziljari. Fil-fatt ir-rikorrent qatt ma' kien impjegat la mal-Water Works, la mal-Water Services Corporation u lanqas mad-Dipartiment tas-Sahha. Lanqas ma ghadda ebda Bord mediku.

Illi ghalhekk l-intimati ma humiex il-legittimi kontraditturi u mhux il-kaz li jigu ezaminati l-allegati ingustizzji fil-konfront tar-rikorrent.  Dan apparti l-fatt li kif istitwita l-kawza ma treggix ghax a tenur tal-Artikolu 181B din suppost tigi istitwita kontra l-Kap tad-Dipartiment u qatt ma ntalbet xi korrezzjoni f'dan is-sens. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Spejjez kontra r-rikorrent.